MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2007

Appell Civili Numru. 519/1997/1

**Trimeg Limited**

**v.**

**L-Awtorita` ta' l-Ippjanar**

**Il-Qorti:**

## I. IS-SENTENZA APPELLATA

1. Dan huwa appell minn sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili Prim Awla fit-28 ta' Jannar 2004 fil-kawza fl-ismijiet prmessi, liema sentenza sejra tigi

riprodotta kollha kemm hi hawnhekk billi fiha t-talba tas-socjeta` attrici, l-eccezzjonijiet ta' l-awtorita` konvenuta kif ukoll il-motivazzjoni ta' l-ewwel Qorti li bis-sahha taghhom hija kkonkludiet billi accettat l-eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni moghtija mill-awtorita` konvenuta u b'hekk dik il-Qorti ddikjarat ruhha inkompetenti li tiehu konjizzjoni tat-talbiet tas-socjeta` attrici. Konsegwentement illiberat lill-awtorita` konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici. Is-sentenza, issa appellata, hija s-segwenti:

"**Il-Qorti;**

"Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fis-7 ta' Marzu 1997 li bih is-socjeta` attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

"Premess illi l-atturi huma l-proprjetarji ta' l-art fl-inhawi ta' St. Andrews delineata bl-isfar fuq is-*site plan* annessa ma' l-att tac-citazzjoni u mmarkata dokument "A";

"U premess illi din l-art tmiss mas-sit Wied Harq Hamiem u Ghar Harq Hamiem, liema sit gie skedat a tenur ta' l-Artikolu 46 (2) ta' l-Att dwar l-Ippjanar, b' avviz numru hames mija tlieta u tmenin (583), paragrafu numru disgha u hamsin (59), ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern datata sitta (6) ta' Settembru ta' l-elf disa' mija sitta u disghin (1996);

"U premess illi konsegwentement l-art ta' l-attur giet skedata fl-istess avviz;

"U premess illi l-atturi qatt ma gew notifikati bil-fatt li kienu ghaddejjin proceduri ta' skedar a tenur ta' l-Artikolu 46 (2) ta' l-Att dwar l-Ippjanar in rigward tal-proprjetajiet hawn imsemmija;

"U premess illi, ghalhekk, biex waslet ghall-iskedar ta' l-imsemmija proprjetajiet, l-Awtorita` ta' l-Ippjanar naqset illi ssegwi l-procedura rikjesta mil-ligi;

"U premess illi ghalkemm l-imsemmi skedar huwa null minhabba li ma gietx segwita l-procedura korretta, u ghaldaqstant hi *ultra vires* il-poter ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar u tikkostitwixxi abbuz ta' poter da parti ta' l-istess Awtorita`;

"U premess illi l-konvenuti gew interpellati ufficjalment sabiex ihassru minn jeddhom dan l-iskedar u naqsu li jaghmlu dan;

"Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

"1. Tiddikjara l-iskedar tal-fuq imsemmija proprjetajiet a tenur ta' l-Artikolu 46 (2) ta' l-Att dwar l-Ippjanar null peress li ma gietx segwita l-procedura korretta, u ghaldaqstant l-istess skedar huwa *ultra vires* il-poteri ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar u tikkostitwixxi abbuz ta' poteri ta' l-istess Awtorita`;

"2. Konsegwentement, tordna lill-istess Awtorita` tippubblika avviz tal-kancellazzjoni ta' dan l-iskedar;

"Bl-ispejjez inkluzi ta' l-ittra ufficjali ta' Jannar 1996, b' rizerva ghad-danni;

"Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` attrici, il-lista tax-xhieda minnha indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti ma' l-att tac-citazzjoni;

"Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta' l-Awtorita` konvenuta pprezentata fid-29 ta' Jannar 1998 li permezz taghha hija eccepiet:

"Illi fl-ewwel lok l-attur irid jipprova li hu sid il-proprjeta` in kwistjoni;

"Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-istess Onorabbli Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni stante li l-istess taqa' taht il-gurisdizzjoni esklussiva tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, u minn dan fuq punti ta' ligi, lill-Qorti ta' l-Appell;

“Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost fil-meritu, l-istess Artikolu 46 (2) ta’ l-Att dwar l-Ippjanar qed jigi kkwotat hazin stante li dan l-Artikolu jispecifika li l-Awtorita` ghandha tavza lil wiehed mis-sidien maghrufa bil-fatt li hija giet inkluza fil-lista ta’ proprjeta` skedata;

“Illi l-istess gie osservat kif ser jigi ppruvat. Tant hu hekk l-attur ghamel talbiet u sottomissjonijiet ghar-rikonsiderazzjoni li ma gewx accettati u minn dan sar appell quddiem il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar, kopja ta’ l-istess appell hija annessa ma’ din in-nota u mmarkata Dok. TD1, li gie pprezentat xi gimgha jew gimghatejn qabel ma giet pprezentata l-istess citazzjoni;

“Salvi eccezzjonijiet ohra, u bl-ispejjez;

“Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess Awtorita` konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

“Rat id-digriet tal-11 ta’ Lulju 2001 li permezz tieghu l-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Anna Caruana biex tisma’ l-kontro-ezamijiet u l-provi li kien fadal;

“Rat l-Affidavits ipprezentati u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda prodotti;

“Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet ipprezentati;

“Rat l-atti kollha tal-process;

“Ikkonsidrat:

“Il-kwestjoni nvoluta f’ dan il-kaz, u li s-socjeta` attrici dehrilha li kellha tressaqha ghall-attenzjoni ta’ din il-Qorti, tirrigwarda allegazzjoni illi l-Awtorita` konvenuta ma segwietx id-dettami ta’ l-Artikolu 46(2) ta’ l-Att ta’ l-1992 dwar l-Ippjanar ta’ l-Izvilupp u b’ hekk din agixxiet *ultra vires* il-poteri taghha, u allura b’ abbuz ta’ l-istess poter, kif hekk sancit fl-Artikolu 469A tal-Kapitolu 12;

"In succint s-socjeta` attrici tilmenta illi l-art proprjeta` taghha fl-inhawi ta' St. Andrews giet skedata minghajr ma nghatat, skond kif jippreskrivi l-Artikolu 46(2), avviz mill-Awtorita` illi l-art taghha kienet mahsuba, u b' hekk kolpita u soggetta, ghall-ordni ta' konservazzjoni.  Dan hu hekk konfermat minn Paul Camilleri fl-Affidavit tieghu a fol. 50, li zied jghid in kontro-ezami (fol. 86) illi s-socjeta` attrici ressqet oggezzjoni ghax saret taf bil-fatt ta' l-iskedar mill-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern;

"Bhala stat ta' fatt dan hu accettat mill-Awtorita` konvenuta.  Difatti r-rapprezentant taghha Adrian Mallia, Manager, Environmental Management Unit, jistqarr in kontro-ezami (fol. 88) illi l-Awtorita` ma kinitx innotifikat b' ittra lis-socjeta` attrici dwar l-iskedar ta' l-art taghha.  Jghid pero` li saru konsultazzjonijiet maghha f' data impreciza fi Frar 1997 u ghall-Awtorita` din il-laqgha kienet isservi bhala notifika.  Zied jghid li s-socjeta` attrici oggezzjonat, saru rapprezentazzjonijiet bl-iskop ta' rikonsiderazzjoni quddiem il-Heritage Advisory Committee izda dan irrakkomanda li d-decizjoni mehuda ma tinbidilx. Rakkomandazzjoni, li skond dan ix-xhud, giet approvata, imbaghad, mill-Bord ta' l-Awtorita` bid-decizjoni taghha tal-20 ta' Frar 1997 u li minnha sar appell mis-socjeta` attrici lil Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar;

"Premessi l-fatti li fuqhom ikkontrovertew il-kontendenti, l-Awtorita` konvenuta tiddefendi ruhha qabel kull konsiderazzjoni fil-meritu bin-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dina l-Qorti biex tistharreg l-ghemil amministrattiv emanat minnha.  Hi tirpoza din id-difiza taghha fuq il-provvediment tas-subinciz (4) ta' l-Artikolu 496A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.  Provvediment dan li jippreskrivi illi "id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma ghandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jigi provvdut dwaru f' xi ligi ohra.";

"Issa l-ligi specjali fl-Att I ta' l-1992 tipprovdi *expressis* fis-subinciz (9) ta' l-Artikolu 46 illi "kull min ihossu aggravat b'

decizjoni ta’ l-Awtorita` taht dan l-artikolu jista’ jappella lill-Bord ta’ l-Appell ghar-revoka jew ghat-tibdil ta’ dik id-decizjoni.” Fakolta din li fil-kaz tas-socjeta` attrici jidher li giet sew ezercitata minnha bl-appell taghha ta’ l-24 ta’ Frar 1997 lill-Bord ta’ l-Appell. Ara kopja ta’ dan l-appell a fol. 75;

“Il-gurisdizzjoni ta’ dan il-Bord kif vestit mil-ligi fil-paragrafu (6) tat-Tielet Skeda ta’ l-Att imsemmi hi wahda ampja. “Dan ghaliex il-Bord ma nghatax biss is-setgha li jirrevoka jew jikkonferma d-decizjoni ta’ l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar, izda nghata wkoll il-gurisdizzjoni li jbiddel l-istess decizjoni, kif ukoll li jaghti dawk id-direttivi li jidhirlu xieraq” (“**Gino Trapani Galea *nomine* –vs– L-Awtorita` ta’ l-Ippjanar *et***”. Appell, 29 ta’ Ottubru 1999). Fil-kaz partikolari l-Bord “jista’ jnehhi proprjeta` skedata mill-iskeda jew ibaxxi l-livell ta’ protezzjoni ta’ proprjeta` skedata” [subinciz (11) ta’ l-Artikolu 46];

“Tant hi wiesa din il-gurisdizzjoni li sahansitra gie ritenut illi “fejn persuna tallega li l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar kienet imxiet b’ mod diskriminatorju, irrazzjonali u b’ mod arbitrarju fil-konfront taghha, il-Bord mhux biss jista’ jikkonsidra dawk l-allegazzjonijiet u jisma’ l-provi dwarhom, talli ghandu d-dritt li jaghmel dan billi dawn jistghu jkunu konsiderazzjonijiet rilevanti li jaffettwaw il-meritu ta’ l-appell.” “**Michel Dingli –vs– Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp**”, Appell, 6 ta’ Ottubru 2000;

“Maggorment imbaghad ta’ rilevanza ghall-punt in diskussjoni hi l-osservanza li l-appelli statutorji quddiem il-Bord minn decizjonijiet ta’ l-Awtorita` jservu ta’ “*judicial review*” ta’ decizjonijiet amministrattivi, “intiz biex jipprovdi rimedju lic-cittadin minn decizjonijiet amministrattivi li jolqtuhom avversament” (“**Il-Perit Austin Attard Montaldo *nomine* -vs– Chairman ta’ l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar in rapprezentanza ta’ l-istess**”, Appell, 19 ta’ Awissu 1996);

“Huwa evidenti minn ezami ta’ dawn id-decizjonijiet illi fejn il-ligi specjali tipprovdi rimedju xieraq u effikaci ta’ “*judicial*

*review*", allura l-istharrig ta' l-ghemil amministrattiv mill-Qorti ma jistax isehh;

"Il-kwestjonijiet involuti fis-sentenzi citati mis-socjeta` attrici kienu *toto coelo* diversi mill-kaz prezenti;

"Il-kaz "**Bunker Fuel Oil Company Limited –vs– Paul Gauci *et***", Appell, 6 ta' Mejju 1998, kien jittratta minn materja partikolari hafna. F' dik il-kawza kien gie konstatat illi l-istat tal-gurisprudenza prevalenti tal-Bord ta' l-Appell fil-mument ta' l-intavolar ta' dik il-kawza (8 ta' Novembru 1995) kien jeskludi terzi persuni interessati jew aggravati milli jikkonsegwu appell quddiemu. Dik l-istess sentenza effettivament ghamlet din l-osservazzjoni: "l-eskluzjoni tal-gurisdizzjoni tal-Qorti, biex tistharreg l-ghemil amministrattiv, tkun gustifikata biss jekk il-Qorti tkun sodisfatta li fil-prattika persuna kellha rimedju effikaci u adegwat verament disponibbli ghaliha u hija irragjonevolment ma utilizzatx tali proceduri disponibbli." F' dak il-kaz il-Qorti espremiet il-fehma illi ma kienx hemm din il-gustifikazzjoni skond il-fattezzi ta' dak il-kaz u ghalhekk optat ghaz-zamma tal-gurisdizzjoni taghha;

"Fil-kaz l-iehor "**Walsh's Limited –vs– Awtorita` ta' l-Ippjanar**", Prim' Awla, Qorti Civili, 26 ta' Marzu 1997, li wkoll jikkontjeni fattispeci partikolari, dik il-Qorti kienet hemm qed tikkonsidra kwestjoni ta' *enforcement notice* emessa arbitrarjament u kienet tal-fehma illi kellha gurisdizzjoni tissindika l-kaz kif prezentat quddiemha wara li osservat illi dan ma kienx jinkwadra ruhu fil-parametri ta' l-Artikolu 52(6) ta' l-Att, rizervat ghall-gudizzju tal-Bord;

"Issa fil-kaz *de quo* dak pretiz mis-socjeta` attrici facilment jista' jigi mistharreg u epurat mill-Bord ta' l-Appell li quddiemu l-istess socjeta` attrici gja ressqet l-aggravji taghha kontra d-decizjoni ta' l-Awtorita`;

"Kif ahjar rilevat fid-decizjoni fl-ismijiet "**John Cauchi –vs– Chairman Awtorita` ta' l-Ippjanar**", Appell, 5 ta' Ottubru 2001, gjaladarba l-ligi specjali kkrejat makkinarju u proceduri *ad hoc* biex wiehed ikun jista' appozitament jikkontesta xi decizjoni u/jew xi ghemil amministrattiv ta' l-

Awtorita` ta' l-Ippjanar li bihom ihossu aggravat, allura l-Qorti ordinarja hi svestita, ex-Artikolu 469A(4), milli tistharreg gudizzjarjament id-decizjoni amministrattiva, billi dak l-istharrig hu rizervat *ex-lege* lill-Bord specjali;

"Din il-Qorti taqbel ma' dan l-insenjament u thoss li fir-rigward ghandha ssegwih billi hu guridikament fondat u korrett. Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti mhix ser tghaddi biex tindaga dwar il-meritu in vista tal-konkluzjoni raggunta minnha dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni fil-kaz konkret.

"Ghal dawn il-motivi;

"Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi takkolji l-ewwel eccezzjoni ta' l-Awtorita` konvenuta u b' hekk tiddikjara ruhha nkompetenti li tiehu konjizzjoni tat-talbiet tas-socjeta` attrici. Tillibera lill-Awtorita` konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez jigu sopportati mis-socjeta` attrici."

**<u>II. L-APPELL</u>**

2. Is-socjeta` attrici hassitha aggravata b'din is-sentenza u ghalhekk intavolat appell minnha quddiem din il-Qorti permezz ta' rikors ta' appell minnha pprezentat fis-17 ta' Frar 2004. Ghal ragunijiet spjegati minnha fl-istess rikors ta' l-appell taghha, is-socjeta` attrici, issa appellanti, qeghda titlob lil din il-Qorti li joghogobha tirrevoka l-precitata sentenza ta' l-ewwel Qorti u b'hekk tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet ta' l-awtorita` konvenuta u minflok tilqa' t-talbiet tas-socjeta` attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-awtorita` konvenuta.

3. Jirrizulta li l-awtorita` konvenuta ma pprezentatx risposta ta' l-appell fit-terminu moghti lilha mil-ligi. Madanakollu tali risposta giet prezentata minnha, jew ahjar mill-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, fis-16 ta' Ottubru 2006, data ffissata minn din il-Qorti ghat-trattazzjoni orali tal-kawza. Ghar-ragunijiet esposti fl-istess risposta, l-awtorita`, issa appellata, qeghda titlob lil din il-Qorti tikkonferma d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti u tiddikjara li hija m'ghandhiex il-gurisdizzjoni li tissindika l-

ghemil ta' l-awtorita` konvenuta – bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess socjeta` attrici appellanti.

4. Fl-imsemmija seduta tas-16 ta' Ottubru 2006 din il-Qorti semghet it-trattazzjoni orali tar-rispettivi difensuri tal-kontendenti u halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

## III. KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

5. Jirrizulta mix-xhieda mhix kontradetta ta' Adrian Mallia, Manager ta' l-Environmental Management Unit ta' l-awtorita` appellata li l-art tas-socjeta` appellanti msemmija fl-Att tac-citazzjoni kienet giet indikata fil-*Pembroke Action Plan* bhala art li timmerita protezzjoni. L-imsemmi pjan kien gie ppubblikat f'Jannar tas-sena 1996 ghal konsultazzjoni pubblika. Jirrizulta li l-awtorita` appellata rceviet numru ta' rapprezentazzjonijiet bil-miktub, inkluza wahda mis-socjeta` appellanti, meta dakinhar l-arti in kwistjoni kienet diga` proposta ghall-protezzjoni kif kien juri l-pjan. Ma jirrizultax mill-atti ezattament x'kienu s-sottomissjonijiet li ghamlet is-socjeta` appellanti ghall-imsemmi *Pembroke Action Plan*, ghaliex hadd mill-partijiet ma deherlu li kellu jesebixxi dokumenti li jixhtu dawl preciz fuq dawn is-sottomissjonijiet.

6. L-imsemmi *Pembroke Action Plan* gie approvat mill-awtorita` appellata fl-4 ta' Lulju 1996 u konsegwentement l-art tas-socjeta` appellanti, li tqieset bhala *buffer zone* ghall-wied maghruf bhala Wied Harq Hammiem, sfat skedata. L-iskedar ufficjali tas-sit in kwistjoni sar permezz tal-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern fis-6 ta' Settembru 1996 kif jirrizulta mill-kopja tal-gazzetta tal-Gvern a fol. 71 tal-process.

7. Is-socjeta` appellant ilmentat fic-citazzjoni taghha pprezentata quddiem l-ewwel Qorti fis-7 ta' Marzu 1997, li hija qatt ma giet notifikata bil-fatt li kienu ghaddejin proceduri ta' skedar fil-konfront tal-proprjeta` taghha. Is-socjeta` appellanti qeghdha tippretendi li ghalhekk l-awtorita` appellata naqset li ssegwi l-procedura stabbilita fl-Artikolu 46(2) ta' l-Att dwar l-ippjanar u qeghdha tallega li l-iskedar in kwistjoni kien null u ultra vires il-poter ta' l-

awtorita` appellata u jikkostitwixxi abbuz ta’ poter da parti ta’ l-istess awtorita`.

8. Jirrizulta car li l-azzjoni attrici ma hija xejn hlief wahda ta’ stharrig gudizzjarju ta’ azzjoni amministrattiva ai termini ta’ l-Artikolu 469A tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni Procedura Civili Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Jirrizulta daqs tant iehor car li l-awtorita` appellata meta tat l-ewwel eccezzjoni taghha inqdiet bis-sub-artikolu 4 ta’ l-imsemmija dispozizzjoni li tghid hekk:
“Id-dispozizzjonijiet ta’ dan l-Artikolu m’ghandhomx japplikaw meta l-mod ta’ kontestazzjoni jew ta’ ksib ta’ rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem Qorti jew Tribunal jigi provdut dwaru b’xi ligi ohra.”

9. Ma jidhirx kontestat li l-awtortia` appellata naqset li tinnotifika lis-socjeta` appellanti ai terminu ta’ l-Artikolu 46(2) ta’ l-Att imsemmi. Madanakollu, s-socjeta` appellanti xorta wahda ressqet oggezzjoni ghall-iskedar tal-proprjeta` taghha ghaliex saret taf b’dan il-fatt mill-pubblikazzjoni li saret fil-gazzetta tal-Gvern. Jirrizulta wkoll li fi Frar 1997 ufficjali ta’ l-awtortita` msemmija iltaqghu ma’ rapprezentanti tas-socjeta` appellanti dwar il-kaz. L-awtorita` appellata irriteniet li ghaliha dik il-laqgha serviet bhala notifika. Infatti saret talba ghar-rikonsiderazzjoni da parti tas-socjeta` appellanti liema talba pero`, ma gietx milqugha mill-awtorita` appellata u sussegwentement is-socjeta` appellanti appellat minn din l-istess decizjoni ta’ l-awtorita` quddiem il-Bord ta’ l-Ippjanar ta’ l-Appell Dwar l-Ippjanar.

10. Is-sentenza appellata laqghet l-eccezzjoni moghtija mill-awtorita` appellata dwar in-nuqqas ta’ gurisdizzjoni b’applikazzjoni tas-sub-artikolu 4 ta’ l-imsemmi Artikolu 469A tal-Kap. 12. L-ewwel Qorti rriteniet li dak kollu pretiz mis-socjeta` attrici seta’ jigi facilment mistharreg u u setghet ukoll tinghata decizjoni dwaru mill-imsemmi Bord ta’ l-Appell ta’ l-Ippjanar li quddiemu l-istess socjeta` attrici kienet resqet l-aggravji taghha kontra d-decizjoni msemmija ta’ l-awtorita` appellata. L-istess Qorti ccitat gurisprudenza ampja tal-Qorti taghna biex tiggustifika d-decizjoni li waslet ghaliha.

11. Is-socjeta` appellanti hassitha aggravata minn din id-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti, ghaliex nonostante li dik il-Qorti rrikonoxxiet li bhala stat ta’ fatt l-Awtorita` konvenuta kienet naqset li tinnotifika lis-socjeta` attrici bl-iskedar tal-proprjeta` taghha, l-istess Qorti naqset li tikkonsidra l-ilment principali mressaq mis-socjeta` appellanti quddiem l-ewwel Qorti. Is-socjeta` appellanti ssottomettiet li n-nuqqas ta’ notifika msemmija wassal ghal sitwazzjoni fejn is-socjeta` attrici giet a konoxxenza ta’ l-iskedar ta’ l-art taghha zmien wara li l-procedura li waslet ghal tali skedar kienet giet konkjuza. Ghalhekk l-istess socjeta` attrici issottomettiet li matul iz-zmien deciziv kollu fejn kienu qeghdin jittiehdu mizuri li waslu ghall-iskedar, hija ma kellhiex *voce in capitolo* allavolja t-tehid ta’ dawn il-mizuri kienu jolqtu lilha direttament peress li waslu sabiex il-proprjeta` taghha tigi dikjarata bhala wahda li taht l-ebda cirkostanza ma tista’ tigi zviluppata. Is-socjeta` appellanti kompliet tissottometti li dan l-ilment taghha ma setghax jigi mressaq bhala aggravju u ma setghax jigi trattat minn Bord ta’ l-Appell Dwar l-Ippjanar, u lanqas ma seta’ jsir eventwalment appell minn decizjoni tal-Bord quddiem din il-Qorti ta’ l-Appell. Is-socjeta` appellanti issoktat tissottometti li l-vertenza in kwistjoni kienet strettament wahda ta’ materja kostituzzjonali u setghet tigi trattata biss mill-ewwel Qorti li quddiemha giet prezentata c-citazzjoni odjerna.

12. Jekk wiehed jezamina akkuratament il-premessi u t-talba kontenuti fl-att tac-citazzjoni li bih inghata bidu ghal proceduri f’din il-kawza, wiehed isib li l-allegazzjoni tas-socjeta` attrici kienet bazikament li l-iskedar kien kollu kemm hu null. Is-socjeta` attrici allegat li l-istess skedar tal-proprjeta` taghha kien sar *ultra vires* il-poteri ta’ l-awtorita` konvenuta u kien sar b’abbuz ta’ poter da parti ta’ din l-awtorita` proprju ghaliex dik l-awtorita` meta waslet ghall-iskedar tal-proprjeta` in kwistjoni, hija naqset li ssegwi l-procedura rikjesta mil-ligi. L-att tac-citazzjoni jindika li l-ligi li ma gietx imharsa fl-iskedar tal-proprjeta` in kwistjoni kienet precizament id-dispozizzjoni kontenuta fis-sub-artikolu (2) ta’ l-Artikolu 46 ta’ l-Att Dwar l-Ippjanar.

13. Ma jista’ jkun hemm l-ebda ombra ta’ dubju li l-ilmenti tan-nuqqas tan-notifika kif ukoll ta’ nuqqas ta’ adezjoni mal-procedura rikjesta mil-ligi, liema lmenti s-socjeta` appellanti qeghdha tinsisti fuqhom fil-proceduri odjerni, setghu facilment jitqajmu minnha meta hija intavolat l-appell taghha mid-decizjoni ta’ l-awtorita` konvenuta dwar l-iskedar tal-proprjeta` in kwistjoni. Din il-Qorti qeghdha tirritjeni hekk ghaliex certament il-Bord ta’ l-Appell Dwar l-Ippjanar ghandu l-gurisdizzjoni li jisma’ u jiddeciedi appelli maghmula minn min ihossu aggravat b’decizjoni ta’ l-awtorita` konvenuta ai termini ta’ l-Artikolu 15 ta’ l-Att Dwar l-Ippjanar ta’ l-Izvilupp. Jekk persuna thoss ruhha aggravata minn decizjoni ta’ dik l-awtorita`, fuq l-allegazzjoni li dik l-awtorita` ma tkunx segwiet id-dettami ta’ l-istess ligi dwar l-ippjanar, tali lanjanza tidhol pjenament fil-gurisdizzjoni tal-Bord imsemmi. Din il-Qorti ezaminat id-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell Dwar l-Ippjanar moghtija fl-20 ta’ Settembru 2002 li kopja taghha giet annessa mis-socjeta` appellanti mar-rikors ta’ l-appell taghha. Jirrizulta car li l-lanjanzi li s-socjeta` appellanti qeghdha tqajjem fil-proceduri odjerni ma tqajmux minnha fil-proceduri ta’ l-appell li hija intavolat quddiem l-imsemmi Bord ta’ l-Appell Dwar l-Ippjanar. Pero`, dan il-fatt, certament ma jaghti l-ebda dritt lis-socjeta` appellanti li tintavola kawza *ad hoc* quddiem il-Qrati ordinarji, kif fil-fatt ghamlet bil-kawza odjerna, biex dak li naqset li taghmel bi proceduri appozitament indikati fil-ligi, u cioe` l-appell quddiem il-Bord imsemmi, taghmlu meta jidhrilha l-istess b’dawn il-proceduri odjerni quddiem il-Qrati ordinarji. Dana huwa hekk ghaliex il-legislatur stess eskluda l-possibilita` ta’ stharrig gudizzjarju ta’ azzjoni amministrattiva minn dawn il-Qrati ordinarji meta xi ligi ohra tkun provdiet lill-parti l-mod ta’ kontestazzjoni jew ta’ ksib ta’ rimedju. Fil-kaz in dizamina, il-ligi partikolari, cioe` l-imsemmi Att tal-1992 dwar l-Ippjanar ta’ l-Izvilupp, kien jipprovdi mod kif is-socjeta` appellanti setghet tikkontesta d-decizjoni ta’ l-awtorita` konvenuta fuq il-prepensjonijiet kontenuti fl-att tac-citazzjoni odjerna billi hija tintavola appell minn dik id-decizjoni quddiem il-Bord appozitament mahluq fl-istess ligi biex tara li dik l-awtorita` *inter alia* tottempera ruhha mad-dettami ta’ l-istess ligi li kienu jirregolawha. Inoltre ghandu jigi enfasizzat li dak il-Bord

mhux biss kellu l-gurisdizzjoni li jisma’ u jiddeciedi fuq il-lanjanzi sollevati mis-socjeta` appellanti izda kellu wkoll il-fakolta` li jaghti r-rimedju opportun ghaliex *inter alia* huwa kellu wkoll is-setgha li jirrevoka d-decizjoni in kwistjoni ta’ l-awtorita` konvenuta u seta’ jaghti d-direzzjonijiet necessarji biex id-decizjoni tieghu tkun tista’ tipprovdi rimedju effettiv.

14. Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha li l-ewwel Qorti kienet kompletament korretta meta hija rriteniet hekk:
“Issa fil-kaz de quo dak pretiz mis-socjeta` attrici facilment jista’ jigi mistharreg u epurat mill-Bord ta’ l-Appell li quddiemu l-istess socjeta` attrici gia` ressqet l-aggravji taghha kontra d-decizjoni ta’ l-awtorita`”.

15. Is-socjeta` appellanti fir-rikors ta’ l-appell taghha ziedet tghid illi hija ghazlet li tattakka d-decizjoni ta’ l-awtorita` appellata sija bil-mod tac-citazzjoni kemm ukoll bil-mod ta’ l-appell quddiem il-Bord ta’ l-Appell Dwar l-Ippjanar ghas-segwenti raguni li sejra tigi riprodotta testwalment:
“Illi l-esponent jissottometti bir-rispett illi r-rimedju ta’ appell minn decizjoni ta’ l-awtoritajiet ta’ l-ippjanar jippresupponi qabel xejn li jkun hemm decizjoni valida li tista’ tigi appellata. Ir-rimedju ta’ l-appell huwa intiz biex iwassal ghar-revizjoni ta’ dak li jkun gie validament deciz. L-allegazzjoni ta’ l-esponent hija li f’dan il-kaz ma hemmx decizjoni valida li ghaliha r-rimedju ta’ l-appell huwa r-rimedju indikat. L-esponent jippretendi li d-dritt tieghu kien li l-awtorita` ssegwi l-proceduri korretti fl-ewwel lok, ghaliex l-attinenza ghal dawk il-proceduri kienu jaghtuh garanziji procedurali qawwija biex id-dritt sostantiv tieghu jigi salvagwardat. In-nuqqas ta’ l-awtorita` li ssegwi dawk il-proceduri ma hiex kwistjoni li tattalja ruhha tajjeb ghall-appell ghaliex appell jippresupponi li d-decizjoni li ttiehdet kienet wahda valida fil-ligi, u l-appell iwassal ghal rikonsiderazzjoni fil-meritu. L-esponent qieghed jippretendi li d-decizjoni ghandha tithassar biex il-kwistjoni terga’ tigi evalwata mill-awtorita` primarjament kompetenti biex taghmel dan.”

16. Fil-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti, dana l-aggravju m’ghandu l-ebda validita` u huwa sempliciment tentattiv fjakk hafna li bih is-socjeta` appellanti qeghdha tipprova tiggustifika n-nuqqas taghha li tressaq l-ilmenti meritu tac-citazzjoni odjerna quddiem il-Bord ta’ l-Appell Dwar l-Ippjanar. Din il-Qorti qeghdha tghid hekk ghaliex l-aggravju kollu huwa essenzjalment bazat fuq premessa kompletament zbaljata li appell jista’ jsir biss minn decizjoni ta’ l-Awtorita` appellata li tkun valida legalment.

17. Konsegwentment l-aggravji kollha li resqet is-socjeta` appellanti ghall-konsiderazzjoni ta’ din il-Qorti ma jistghux jintlaqghu. In oltre, din il-Qorti m’ghandhiex ghalfejn tidhol fil-konsiderazzjonijiet dwar il-meritu li tressqu fir-risposta ta’ l-appell intavolata mill-awtorita` appellata, liema sottomissjonijiet kienu diga` ingabu ghall-konsiderazzjoni ta’ l-ewwel Qorti fin-nota ta’ sottomissjonijiet li tinsab a fol. 111 tal-process. Il-Qorti qeghdha tghid hekk ghaliex hija taqbel kompletament mal-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti u cioe` li tilqa’ l-eccezzjoni ta’ l-awtortita` konvenuta dwar in-nuqqas ta’ gurisdizzjoni li tiddeciedi l-meritu sollevat fic-citazzjoni odjerna u li konsegwentement tiddikjara ruhha inkompetenti li tiehu konjizzjoni tat-talbiet tas-socjeta` attrici.

18. Ghal dawn il-motivi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata moghtija mill-ewwel Qorti fit-28 ta’ Jannar 2004 u tordna li anke l-ispejjez ta’ din l-istanza jibqghu kollha kemm huma a karigu tas-socjeta` appellanti Trimeg Limited.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------